# POLITIKA LINGWISTIKA

Bħala parti mill-isforzi tagħha biex tippromwovi l-mobilità u l-fehim interkulturali, l-UE għażlet it-tagħlim tal-lingwi bħala prijorità importanti u tiffinanzja għadd ta' programmi u proġetti f'dan il-qasam. Fil-fehma tal-UE, il-multilingwiżmu huwa element importanti tal-kompetittività Ewropea. Għalhekk, wieħed mill-objettivi tal-politika lingwistika tal-UE huwa li kull ċittadin Ewropew għandu jkollu ħakma tajba ta' żewġ lingwi oħra flimkien mal-lingwa materna tiegħu.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Fl-Ewropa, id-diversità lingwistika hija fatt tal-ħajja. Il-lingwi huma parti integrali tal-identità Ewropea u l-aktar espressjoni diretta tal-kultura. F'UE msejsa fuq il-motto"Magħquda fid-diversità", il-kapaċità li wieħed jikkomunika f'bosta lingwi hija riżorsa importanti għall-individwi, l-organizzazzjonijiet kif ukoll il-kumpaniji. Il-lingwi mhux biss għandhom rwol essenzjali fil-ħajja ta' kuljum tal-Unjoni Ewropea, imma huma wkoll fundamentali għar-rispett tad-diversità kulturali u lingwistika tal-UE.

Ir-rispett għad-diversità lingwistika huwa valur fundamentali tal-UE, kif inhuma wkoll ir-rispett tal-persuna u l-mentalità miftuħa lejn kulturi oħra. Dan huwa kunċett stabbilit fil-preambolu tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li fih isir riferiment għall-ispirazzjoni "mill-wirt kulturali, reliġjuż u umanista tal-Ewropa" u għall-konferma tar-rabta "mal-prinċipji tal-libertà, demokrazija u rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem". Fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) tingħata importanza kbira lir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u lin-nondiskriminazzjoni, filwaqt li l-Artikolu 3 jafferma li l-UE għandha "tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha". L-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenfasizza li "l-azzjoni tal-Unjoni għandha tkun immirata lejn l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni, partikolarment permezz tat-tagħlim u t-tixrid tal-lingwi tal-Istati Membri", filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ id-diversità kulturali u lingwistika (Artikolu 165(1) tat-TFUE).

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, adottata fl-2000 u li saret ġuridikament vinkolanti mit-Trattat ta' Lisbona, tipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa (Artikolu 21) u timponi fuq l-Unjoni l-obbligu għar-rispett tad-diversità lingwistika (Artikolu 22).

L-ewwel regolamentazzjoni, li bdiet fl-1958, li tiddetermina l-lingwi li kellhom jintużaw minn dik li qabel kienet il-Komunità Ekonomika Ewropea[1] ġiet emendata skont adeżjonijiet sussegwenti għall-UE u tiddefinixxi l-lingwi uffiċjali tal-Unjoni[2], flimkien mal-Artikolu 55(1) TUE. Kull ċittadin tal-UE għandu d-dritt li jikteb lil kwalunkwe istituzzjoni jew korp tal-UE b'waħda minn dawk il-lingwi u li jirċievi tweġiba bl-istess lingwa, skont l-Artikolu 24 tat-TFUE.

[1]ĠU L 17, 6.10.1958, p. 385
[2]L-24 lingwa uffiċjali tal-UE huma: Bulgaru, Kroat, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Irlandiż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, u Żvediż.

## L-OBJETTIVI

Il-politika tal-UE fil-qasam lingwistiku tissejjes fuq ir-rispett tad-diversità fl-Istati Membri kollha u fuq il-ħolqien ta' djalogu interkulturali fl-UE kollha. Bil-għan li r-rispett reċiproku jitqiegħed fil-prattika, l-UE tippromwovi t-tagħlim tal-lingwi barranin kif ukoll il-mobilità taċ-ċittadini kollha permezz ta' programmi mmirati ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali. L-għarfien tal-lingwi barranin jitqies bħala waħda mill-ħiliet bażiċi li kull ċittadin tal-UE jeħtieġ li jikseb biex itejjeb l-opportunitajiet tiegħu ta' edukazzjoni u impjieg. L-UE ssostni għalhekk l-idea li kull ċittadin għandu jkollu ħakma ta' żewġ lingwi barranin barra mil-lingwa materna tiegħu (COM(2008) 0566). L-UE tikkollabora wkoll mal-Istati Membri biex tipproteġi lill-minoranzi, abbażi tal-Karta Ewropea għal-Lingwi Reġjonali jew Minoritarji tal-Kunsill tal-Ewropa.

Il-qafas strateġiku "Edukazzjoni u Taħriġ 2020" iqis il-lingwi bħala waħda mill-ħiliet bażiċi tal-edukazzjoni, fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2014, dwar il-multilingwiżmu u l-iżvilupp ta' kompetenzi lingwistiċi[3].

Barra minn hekk, sa mill-2001, is-26 ta' Settembru jiġi ċċelebrat bħala l-Jum Ewropew tal-Lingwi, bil-għan li ssir sensibilizzazzjoni dwar id-diversità lingwistika kbira fl-Ewropa.

Il-Parlament Ewropew adotta politika lingwistika totalment imsejsa fuq il-multilingwiżmu, jiġifieri l-lingwi kollha tal-UE għandhom importanza ndaqs. Id-dokumenti kollha tal-Parlament jiġu tradotti bil-lingwi uffiċjali kollha u kull Membru tal-PE għandu d-dritt jitkellem bil-lingwa li jagħżel hu.

## IL-KISBIET

**A.** Żviluppi politiċi u sostenn għar-riċerka fil-qasam lingwistiku

**1.** Ħarsien tal-lingwi minoritarji

Fl-2013 il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika fl-Unjoni Ewropea[4], u fiha talab lill-Istati Membri jagħtu aktar attenzjoni lil-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u jimpenjaw ruħhom għall-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità tal-patrimonju lingwistiku u kulturali tal-Unjoni. Din ir-riżoluzzjoni kienet is-segwitu ta' riżoluzzjoni tal-Parlament dwar il-lingwi Ewropej reġjonali u inqas użati[5] u ta' riżoluzzjoni rilevanti tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tad-diversità lingwistika u tat-tagħlim tal-lingwi[6], li kienu segwiti minn diversi pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji qafas stabbiliti mill-Kummissjoni għall-promozzjoni tat-tagħlim tal-lingwi u tad-diversità lingwistika (COM(2003)0449; COM(2005) 0596).

**2.** Komparabilità tad-data dwar il-kompetenza lingwistika

Fl-2005 l-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Indikatur Ewropew tal-Kompetenza Lingwistika (COM(2005)0356), strument maħsub biex ikejjel il-kompetenzi lingwistiċi kumplessivi fl-Istati Membri kollha. Il-qafas ġie stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata fit-13 ta' April 2007 (COM(2007)0184). Kif tafferma l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "l-iskop tal-indikatur huwa li jitkejlu l-kompetenzi ġenerali fl-ilsna barranin f'kull Stat Membru". Dan l-indikatur se jgħinna wkoll nifhmu jekk il-miżuri adottati biex nilħqu l-objettiv ta' “lingwa materna + tnejn” ma jaħdmux, bis-saħħa tad-data komparabbli dwar il-kompetenzi lingwistiċi fl-Istati Membri kollha. Bord konsultattiv kien

[3]ĠU C 183, 14.6.2014, p. 26.
[4]ĠU C 93, 9.3.2016, p. 52.
[5]ĠU C 76E, 25.3.2004, p. 374.
[6]ĠU C 50, 23.2.2002, p. 1.

ġie stabbilit, u huwa ppubblika r-riżultati tal-ewwel stħarriġ fl-2011, li wrew il-bżonn ta' implimentazzjoni aħjar tal-istrateġiji għat-tagħlim tal-lingwi fl-iskejjel.

**3.** L-ECML u Mercator

L-UE ssostni żewġ ċentri ta' riċerka dwar il-lingwi, iċ-Ċentru Ewropew tal-Lingwi Moderni (ECML) u ċ-Ċentru ta' Riċerka Ewropew dwar il-Multilingwiżmu u t-Tagħlim tal-Lingwi (Mercator). L-ECML iħeġġeġ l-eċċellenza u l-innovazzjoni fit-tagħlim tal-lingwi u jgħin liċ-ċittadini Ewropej jitgħallmu l-lingwi b'mod aktar effiċjenti. L-għan ewlieni tal-ECML hu li jgħin lill-Istati Membri jimplimentaw b'mod effikaċi l-politiki għat-tagħlim tal-lingwi billi jpoġġu enfasi fuq it-tagħlim tal-lingwi, jippromwovu d-djalogu u l-iskambju tal-aħjar prattiki u jsostnu netwerks u proġetti ta' riċerka marbutin mal-programmi. Mercator jagħmel parti minn netwerk ta' ħames ċentri ta' riċerka u ta' dokumentazzjoni u hu speċjalizzat fil-lingwi reġjonali u minoritarji tal-Unjoni Ewropea.

**4.** Master's Ewropea fit-Traduzzjoni

Il-Master's Ewropea fit-Traduzzjoni (EMT) hija marka ta' kwalità għall-korsijiet tat-traduzzjoni universitarji li jissodisfaw il-kriterji professjonali maqbula u l-esiġenzi tas-suq. L-għan ewlieni tal-EMT huwa li jtejjeb il-kwalità tat-taħriġ fil-qasam tat-traduzzjoni u jiġbed tradutturi kwalifikati ħafna lejn l-istituzzjonijiet tal-UE. L-EMT jipprova jsaħħaħ l-istatus tal-professjoni ta' traduttur fl-UE.

**5.** MT@EC, is-sistema ta' traduzzjoni awtomatika

Is-servizz ta' traduzzjoni awtomatika tal-Kummissjoni tippermetti li ssir verifika f'qasir żmien tas-sens ġenerali tat-test inserit. MT@EC tista' tittratta u tittraduċi testi u dokumenti marbuta mal-politiki tal-UE fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE. Is-servizz huwa disponibbli b'xejn għall-uffiċjali tal-amministrazzjoni pubblika fl-Istati Membri tal-UE u fil-pajjiżi ŻEE.

**B.** Programmi ta' azzjoni

**1.** Il-programm Erasmus+

Erasmus+, li beda f'Jannar 2014, huwa l-programm tal-UE għal Edukazzjoni, Taħriġ, Żgħażagħ u Sport għall-2014-2020. Il-promozzjoni tat-tagħlim tal-lingwi u d-diversità lingwistika hija wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-programm. Il-Gwida tal-Programm Erasmus+ tafferma li "l-opportunitajiet fis-seħħ biex joffru appoġġ lingwistiku huma mmirati biex jagħmlu l-mobilità aktar effiċjenti u effettiva, itejbu l-prestazzjoni tat-tagħlim u għalhekk jikkontribwixxu għall-objettiv speċifiku tal-Programm" (p.11). L-appoġġ lingwistiku huwa offrut permezz tal-Appoġġ Lingwistiku Online tal-Erasmus+ għal parteċipanti ta' azzjonijiet ta' mobilità sabiex jitgħallmu l-lingwa tal-pajjiż ospitanti. Erasmus+ iħeġġeġ ukoll il-kooperazzjoni fil-qasam tal-innovazzjoni u l-iskambju tal-prattiki tajba permezz ta' sħubijiet strateġiċi fl-ambitu tat-tagħlim tal-lingwi. Il-finanzjament favur l-appoġġ lingwistiku jista' barra minn hekk jingħata meta jkun meħtieġ lill-benefiċjarji tas-sħubijiet strateġiċi li jorganizzaw attivitajiet ta' taħriġ u tagħlim fit-tul għall-persunal, għall-ħaddiema żgħażagħ u għall-istudenti. Il-programm Erasmus+ jiffinanzja kull sena wkoll bosta proġetti li jsostnu t-tagħlim tal-lingwi tas-sinjali kif ukoll li jippromwovu d-diversità lingwistika u l-ħarsien tal-lingwi minoritarji.

**2.** Programm Ewropa Kreattiva

Fil-qafas tal-Programm Ewropa Kreattiva, jingħata appoġġ għat-traduzzjoni ta' kotba u manuskritti taħt is-sottoprogramm Kultura.

**3.** Il-Jum Ewropew tal-Lingwi

Imħeġġa mis-suċċess enormi tas-Sena Ewropea tal-Lingwi fl-2001, l-UE u l-Kunsill tal-Ewropa ddeċidew li fis-26 ta' Settembru ta' kull sena jiġi ċċelebrat il-Jum Ewropew tal-Lingwi,

b'avvenimenti ta' kull tip li jippromwovu t-tagħlim tal-lingwi fl-UE kollha. Din l-azzjoni hija mfassla biex toħloq sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini dwar l-għadd kbir ta' lingwi mitkellma fl-Ewropa u biex tħeġġiġhom jitgħallmu l-lingwi.

**C.** Premjijiet

**1.** Marka tal-Lingwi Ewropea

Il-Marka tal-Lingwi Ewropea hija premju tal-Kummissjoni maħsub biex jinkoraġġixxi lill-inizjattivi l-ġodda fit-tagħlim tal-lingwi, jippremja l-metodi l-ġodda tat-tagħlim tal-lingwi u jissensibilizza dwar il-lingwi reġjonali u minoritarji. Il-premju huwa ppreżentat lill-proġetti mill-pajjiżi parteċipanti għall-proġett tat-tagħlim tal-lingwi l-aktar innovattiv, lill-persuna li tkun għamlet l-akbar progress fit-tagħlim tal-lingwi barranin u lill-aħjar għalliem tal-lingwi.

**2.** Juvenes Translatores

Kull sena l-Kummissjoni tagħti premju lill-aħjar traduzzjoni li tkun saret minn student ta' 17-il sena fl-Istati Membri. L-istudenti jistgħu jagħżlu li jittraduċu minn u lejn kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Fid-19 ta' Novembru 2013, il-Parlament adotta l-programmi Erasmus+ u Ewropa Kreattiva. Il-Parlament żied dispożizzjoni speċifika dwar il-finanzjament għas-sottotitoli, id-doppjaġġ u d-deskrizzjoni awdjo tal-films Ewropej, li għandha tiffaċilita l-aċċess għax-xogħlijiet Ewropej, u ċ-ċirkolazzjoni tagħhom, lil hinn mill-fruntieri. Bħala koleġiżlatur, il-Parlament jista' jfassal rapporti fuq inizjattiva proprja biex jagħti nifs ġdid lill-iżvilupp tal-politika lingwistika fl-Ewropa. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Marzu 2009 dwar"Il-multilingwiżmu: vantaġġ għall-Ewropa u impenn komuni"[7], il-Parlament tenna l-appoġġ tiegħu favur il-politiki tal-UE fil-qasam tal-multilingwiżmu u stieden lill-Kummissjoni tfassal miżuri mmirati lejn ir-rikonoxximent tal-importanza tad-diversità lingwistika u lejn il-promozzjoni tagħha. Ir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-lingwi Ewropej fil-periklu ta' estinzjoni u d-diversità lingwistika[8] għamlet appell lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu appoġġ lil-lingwi fil-periklu ta' estinzjoni.

Fit-23 ta' Novembru 2016, il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar il-lingwa tas-sinjali u l-interpreti professjonali tal-lingwa tas-sinjali[9] sabiex jenfasizza li ċittadini torox, torox-għomja u b'diffikultajiet ta' smigħ, għandu jkollhom aċċess għall-istess informazzjoni u komunikazzjoni bħal sħabhom f'forma ta' interpretazzjoni bil-lingwa tas-sinjali, is-sottotitoli, speech-to-text u/jew forom alternattivi ta' komunikazzjoni, inklużi interpreti orali. Ir-riżoluzzjoni irrikonoxxiet ukoll li l-istituzzjonijiet tal-UE diġà qed jipprevedu l-aċċessibilità ta' avvenimenti pubbliċi u laqgħat tal-kumitati.

Studju dwar "Lingwi Minoritarji u l-Edukazzjoni: l-Aħjar Prattiki u n-Nases", ikkummissjonat f'isem il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament u ppubblikat fil-bidu tal-2017, jinvestiga s-sitwazzjoni tal-lingwi minoritarji fl-edukazzjoni fi 13-il studju tal-każijiet.

Fit-tieni nofs tal-2017 u fil-bidu tal-2018, il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-PE se jaħdem fuq rapport fuq inizjattiva proprja dwar "L-ugwaljanza lingwistika fl-era diġitali — lejn proġett tal-Lingwaġġ Uman", ibbażata fuq studju bl-istess titolu miktub fuq talba tal-Panel tal-Valutazzjoni tal-Għażliet Xjentifiċi u Teknoloġiċi tal-Parlament.

---

[7]ĠU C 117 E, 6.5.2010, p. 59.
[8]ĠU C 93, 9.3.2016, p. 52.
[9]Testi adottati, P8_TA(2016)0442.

Michaela Franke
09/2017